MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2007

Numru 739/2006

**Il-Pulizija
(Sp. Pierre Grech)**

**v**

**Ian Xuereb ta’ 19-il sena iben Jesmond u Rosaline nee Camilleri, imwieled Pieta’ nhar l-14/03/1987, residenti Blokk 6,
Flat 3, Triq il-Fosos, Floriana, detentur tal-karta tal-identita’
bin-numru 149887 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Ian Xuereb li gie akkuzat talli g’dawn il-gzejjer fit-28 ta’ Lulju, 2006 u matul is-sena qabel din id-data

(a) biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-p;janta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollohim bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din i-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv teighu.
(c) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr me kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tla-Ordinanza msemmija u minghajr me kellu licenzja jew xort'ohra awotirzzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr me kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(d) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommetta l-imsemmija reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil mara tqila, lil minuri jew lil persuna li tikun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi ai termini tal-artikolu 22(2) subinciz II tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez lighandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapiltu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra Ian Xuereb ghal liema fi stadju ta’ interrogatojru wiegeb li ma kienx hati.

Rat iz-zewg ordnijiet mahruga mill-Avukat Generali dik a folio 2 u dik a folio 129 li rrendiet din il-kawza ta’ kompetenza ta’ Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Ikkonsidrat

Illi preliminarjament ghandu jigi riilevat illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-impuat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tiehgu, f’liem ammissjoni huwa baqgha persistenti.

Rat ukoll il-provi kollha prodotti, b’mod partikolri r-rapport ta’ l-espert Godwin Sammut (a folio 50) (Dok GS) li stabilixa lid-droga li l-Ufficjali tal-Pulizija xehdu li sabu fuq l-akkuzat kienet kannabis, il-piz taghha kien ta’ 13.61 grammi bil-purita’ ta’ cirka 8.8%.

Skond ir-relazzjoni redatta mill-Perit Arkitett Valerio Schembri il-postijiet indikati lilu kienu kollha jaqghu fil-parametru ta’ l-akkuza d cioe li r-reati in dizamina gew kommessi gewwa distanza ta’ mitt metru minn parametru ta’ xi lok bhal skola, club jew centru taz-zghazagh jew post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

L-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu (involuti ghaliex assistew lill-Ufficjal Prosekutur) xehdu li d-droga msemmija nstabet ghand l-akkuzat fost affarijiet ohra ssekwestrati u esebiti.

Min-naha tieghu l-akkuzat irrilaxxa zewg stqarrijiet, fol 6-7, 8-9 f’liema apparti l-ammissjoni tieghu fil-mori tal-kawza ametta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed issib lil Ian Xuereb hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b) tal-Kapitlu 101 u r-regolamenti GN292/1939. Dwar il-piena ikkonsiderat dak li hemm konkluz fil-pre sentencing report, ikkonsidrat ukol il-fatt li Ian Xuereb moghti cans jirriabilita ruh, tilef l-istess cans, ikkonsidrat ukoll l-ammissjoni tieghu fil-mori tal-kawza,

qeghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tliet (3) snin li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv u ghal multa ta’ elf lira Maltin (Lm 1000).

Tordna li d-droga esebita tigi distrutta taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Tordna wkoll li fin-nuqqas tal-hlas tal-multa fi zmien erba’ gimghat mil-llum din ghandha tigi konvertita f’jum ta’ prigunerija ghal kull hames liri Maltin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------